

Brussell, 10 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14505/1/23
REV 1

CES 49

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru, propost mir-Rumanija, fil-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew - Adozzjoni

1. Permezz ta' ittra¹ datata 13 ta' Marzu 2023, il-President tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) informa lill-Kunsill bir-riżenja tas-Sur Cristian Mihai ENESCU, membru tal-KESE.
2. Permezz ta' ittra datata² 13 ta' Settembru 2023, il-Gvern Rumun ippropona lis-Sa Corina-Andreea MURAFĂ-BENGA, *Expert afiliat, Centrul pentru Studiul Democrației* (Espert Affiljat, Ċentru għall-Istudju tad-Demokrazija), u *Co-fondator, Observatorul Român al Săraciei Energetice* (Kofundatriċi, Osservatorju Rumun tal-Faqar Enerġetiku), għall-ħatra bħala membru tal-KESE għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-20 ta' Settembru 2025.
3. Skont l-Artikolu 302 TFUE, il-Kunsill jaħtar il-membri tal-KESE wara li jikkonsulta lill-Kummissjoni.

¹ 7754/23.

² 12974/23.

4. Il-Kummissjoni ġiet ikkonsultata dwar in-nomina fl-21 ta' Settembru 2023 u tat opinjoni favorevoli fis-27 ta' Ottubru 2023³.
5. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu dwar it-test tad-Deċiżjoni kif jinsab fid-dokument 14491/1/23 REV 1 u jissuġġerixxi li l-Kunsill jadotta dik id-Deċiżjoni bħala punt "A" f'laqgħa li jmiss.

³ C(2023) 7128.